Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,776, 6 ta' Ġunju, 2005
Taqsima B

A.L. 179 ta' l-2005

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet tal-Gvern Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 37(3) u 72 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

A.L. 153 ta' l-1994.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1994 dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Jemenda regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali minnufih wara t-tifsira ta'"Att" għandu jidħol dan li ġej:-

" "Kodiċi ta' Etika" tfisser il-Kodiċi ta' Etika għall-Kunsilliera Lokali Maltin, kif muri fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;".

Tiżdied Taqsima VII ġdida mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara regolament 37 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied it-Taqsima ġdida kif ġej:-

"Taqsima VII
Kodiċi ta' Etika

Kodiċi ta' Etika.

38. Il-membri tal-Kunsill għandhom josservaw il-Kodiċi ta' Etika waqt il-qadi ta' dmirijiethom.".

Tiżdied Raba' Skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied din ir-Raba' Skeda ġdida li ġejja:-

"IR-RABA' SKEDA
(Regolament 38)

Kodiċi ta' Etika
għall-Kunsilliera Lokali Maltin

Preambolu

Skop
Artiklu 1 – Tifsiriet

Il-Kodiċi
Artiklu 1 – Għan tal-Kodiċi

Prinċipji Ġenerali
Artiklu 3 - L-għan ewlieni tal-Liġi u l-interess pubbliku
Artiklu 4 – Oġġettivi tat-twettiq tal-mandat
Artiklu 5 – Ostakoli għat-twettiq tal-mandat

Obbligazzjonijiet Speċifiċi
Artiklu 6 – Kampanji Elettorali
Artiklu 7 – Favoritiżmu
Artiklu 8 – Eżerċitar ta' awtorità għall-vantaġġ personali
Artiklu 9 – Attendenza u parteċipazzjoni f'laqgħat tal-Gvern Lokali u kontribuzzjoni għat-twettiq ta' l-għanijiet kif stabbiliti
Artiklu 10 – Assoċjazzjoni
Artiklu 11 – Kunflitt ta' interess
Artiklu 12 – Limitu fuq okkupazzjoni ta' żewġ karigi jew iżjed fl-istess waqt
Artiklu 13 – Tħaddim ta' poteri diskrezzjonali
Artiklu 14 – Korruzzjoni
Artiklu 15 – Osservanza dwar dixxiplina finanzjarja u li tirrigwarda l-Istima ta' Nefqa
Artiklu 16 – L-użu ta' informazjoni miksuba
Artiklu 17 – Aġir għan-nom tal-Gvern Lokali
Artiklu 18 – Salvagwardar ta' ċerti karigi

Mezzi ta' Superviżjoni
Artiklu 19 – Użu ta' faċilitajiet u għodda tal-Gvern Lokali
Artiklu 20 – Xiri

Relazzjonijiet ma' Rappreżentanti Eletti oħra, Staff tal-Gvern Lokali, il-Pubbliku u Entitajiet oħra
Artiklu 21 – Ippubblikar u għoti ta' raġunijiet għad-deċiżjonijiet meħuda
Artiklu 22 – Ħatriet
Artiklu 23 – Rispett lejn il-kariga ta' l-istaff tal-Gvern Lokali
Artiklu 24 – Rispett lejn il-kollegi tagħhom, l-istaff u l-pubbliku
Artiklu 25 – Relazzjonijiet ma' entitajiet ikkostitwiti u Membri tal-Parlament

Dmirijiet tas-Sindku
Artiklu 26 – Is-Sindki għandhom jassumu r-responsabbilità ta' għemilhom u tal-Gvern Lokali

Relazzjonijiet mal-*Media*
Artiklu 27 – Relazzjonijiet mal-*media*

B 3070

Informazzjoni, Tqassim ta' Informazzjoni u Żieda fl-Għarfien

Artiklu 28 – Tqassim tal-kodiċi lir-rappreżentanti eletti

Artiklu 29 – Tqassim tal-kodiċi lill-pubbliku, staff tal-Gvern Lokali u l-*media*

Preambolu

B'emfasi għall-fatt li r-rappreżentanti eletti għandhom iwettqu d-dmirijiet tagħhom fil-qafas tal-liġi u fi qbil mal-mandati mogħtija lilhom mill-elettorat. Huma għandhom ikunu responsabbli għaċ-ċittadini kollha tal-lokal, inklużi dawk l-eletturi li ma vvutawx lilhom;

In konsiderazzjoni tal-fatt li r-rispett lejn il-mandat ta' l-elettorat jimxi id f'id mar-rispett għal-livelli etiċi;

B'konvinzjoni li l-promozzjoni ta' mġiba ta' kondotta għar-rappreżentanti lokali eletti tagħti l-opportunità li tinbena fiduċja bejn politikanti lokali u ċ-ċittadini peress li relazzjoni ta' fiduċja hija indispensabbli għar-rappreżentanti eletti biex ikunu jistgħu jwettqu r-rwol tagħhom b'mod effettiv;

B'konvinzjoni li definizzjoni fil-forma ta' kodiċi ta' kondotta, ta' l-obbligazzjonijiet etiċi tar-rappreżentanti lokali eletti tikkjarifika r-rwol u d-dmirijiet tagħhom u ssaħħaħ mill-ġdid l-importanza ta' dawk id-dmirijiet;

B'konvinzjoni li kodiċi bħal dan irid jinkludi kemm jista' jkun possibbli x-xogħol kollu magħmul mir-rappreżentanti eletti;

B'emfasi għall-fatt li r-regoli ta' kondotta jimplikaw li dawk l-obbligi etiċi jridu jiġu rispettati;

Billi għandu jkun mifhum li s-soċjeta ċivili kollha trid tkun involuta fil-kisba ta' klima li tispira kunfidenza u b'emfasi għar-rwol taċ-ċittadini nnifishom u tal-*media* f'dan ir-rigward;

Billi għandu jiġi ri-affermat li ma jistgħux jiġu mposti obbligazzjonijiet mingħajr ma jiġu mogħtija garanziji lir-rappreżentanti lokali biex iwettqu dmirijiethom u billi għandu jiġi mfakkar f'dan ir-rigward id-disposizzjonijiet relevanti tal-Karta Ewropea għall-Gvern Lokali.

Filwaqt li għandha tingħata attenzjoni lil-leġislazzjoni kurrenti u l-Kodiċi ta' Mġiba għall-Integrità Politika għall-Persuni Eletti Lokalment u Reġjonalment ippublikata mill-Kungress ta' l-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill ta' l-Ewropa (CLRAE), jipproponi l-Kodiċi ta' Mġiba li ġej:

Għan

Artiklu 1 – Tifsiriet
Għall-għan ta' dan il-Kodiċi:

"Entitajiet kostitwiti" tinkludi l-organizazzjonijiet kollha sew jekk huma reliġjużi, soċjali jew politiċi u *trade unions*;

"funzjonijiet" tfisser mandat elettiv prinċipali jew sekondarju u l-funzjonijiet kollha mwettqa minn rappreżentat elett skond dak il-mandat;

"Gvern Lokali" tfisser Kunsill Lokali stabbilit taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, Kap. 363 tal-Liġijiet ta' Malta;

"lokalità" tfisser *area* li jkollha l-konfini stabbiliti kif imfassla fit-Tieni Skeda ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali;

"*media*" tinkludi
ġurnali, perjodiċi, radju, televiżjoni u kull mezz ieħor li permezz tiegħu jiġu komunikati aħbarijiet u nformazzjoni sew dawk li joriġinaw f'Malta kif ukoll barra minn xtutna;

"Proċeduri ta' offerta" tfisser il-proċeduri kif maħruġa fir-Regolamenti dwar Proċedura għal Kunsilli Lokali;

"Rappreżentanti eletti" tfisser kull politiku li għandu mandat ta' awtorità lokali mogħtija lilu permezz ta' elezzjoni principali (elett permezz ta' kunsens dirett) jew elezzjoni sekondarja (elett mill-Gvern lokali).

Il-Kodiċi

Artiklu 2 – Għan tal-Kodiċi
L-għan ta' dan il-Kodiċi hu li jispeċifika l-livelli ta' mġiba mistennija mir-rappreżentanti eletti fil-qadi ta' dmirijiethom u li jinforma liċ-ċittadini bil-livell ta' mġiba li huma għandhom jistennew bi dritt mingħand ir-rapreżentanti eletti.

Prinċipji Ġenerali

Artiklu 3 – L-għan ewlieni tal-liġi u l-interess pubbliku
Ir-rappreżentanti eletti għandhom il-kariga tagħhom stabbilita bil-liġi u għandhom jaġixxu skond il-liġi l-ħin kollu.

Waqt li jwettqu d-dmirijiet tagħhom, ir-rappreżentanti eletti għandhom iservu l-interess tal-pubbliku u mhux l-interess personali dirett jew indirett tagħhom jew l-interess privat ta' l-individwi jew gruppi ta' l-individwi bl-għan li jiksbu benefiċċji personali diretti jew indiretti minnhom.

Artiklu 4 – Oġġettivi tat-twettiq tal-mandat
Ir-rappreżentanti eletti għandhom iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'reqqa, bla ħabi, b'integrità, b'onestà, b'ġustizzja, b'kuxjenza, u bi ħrara li jkunu responsabbli għad-deċiżjonijiet tagħhom.

Artiklu 5 – Ostakoli għat-twettiq tal-mandat
Fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom, ir-rappreżentanti eletti għandhom jirrispettaw il-poter u l-prerogattivi tar-rappreżentanti l-oħra li ġew eletti b'mod politiku u l-impjegati kollha fis-servizz pubbliku.

Huma m'għandhomx jinkoraġġixxu jew jgħinu kull rappreżentant politiku ieħor jew kull uffiċċjal pubbliku biex jikser il-prinċipji hawnhekk stabbiliti fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom.

Obbligazzjonijiet Speċifiċi

Artiklu 6 – Kampanji Elettorali
Il-kampanji elettorali organizzati mill-kandidati prospettivi għandhom ikunu mezz ta' informazzjoni u spjegazzjoni dwar il-programmi politiċi ta' l-istess kandidati.

Il-kandidati prospettivi m'għandhomx ifittxu li jakkwistaw voti għajr bil-persważjoni, argumentazzjoni u diskussjoni. B'mod partikulari, huma m'għandhomx jippruvaw jiġbru voti billi jirrikorru għal argument defamatorji dwar kandidati oħra, bl-użu ta' vjolenza u/jew theddid jew billi jagħmlu jew iwegħdu favuri.

Il-kandidati prospettivi għandhom iżommu n-nefqiet għal kampanji elettorali b'mod xieraq u skond il-limiti tal-liġi. Huma għandhom jimxu b'mod għaqli mad-disposizzjonijiet tal-liġi li teħtieġ li dawn jiddikjaraw b'mod pubbliku s-sors u l-ammont tad-dħul li jkunu allokaw għall-kampanja elettorali tagħhom u n-natura u l-ammont ta' l-infieq tagħhom għandu isir magħruf għall-informazzjoni tal-pubbliku.

Artiklu 7 – Favoritiżmu
Ir-rappreżentanti eletti m'għandhomx iwettqu l-funzjonijiet tagħhom jew jużaw il-prerogattivi tal-kariga tagħhom fl-interess privat ta' individwi jew gruppi ta' individwi, bl-għan li jakkwistaw b'mod dirett jew indirett xi benefiċċju għalihom infushom.

B'mod partikulari, ir-rappreżentanti eletti għandhom jaċċertaw ruħhom li jaġixxu fl-interess tal-lokalità kollha u tal-komunità.

Artiklu 8 – Eżerċitar ta' awtorità għall-vantaġġ personali
Ir-rappreżentanti eletti ma għandhomx iwettqu l-funzjonijiet tagħhom jew jużaw il-prerogattivi tal-kariga tagħhom biex iġibu 'l quddiem l-interessi privati jew personali tagħhom sew jekk diretti jew indiretti.

Artiklu 9 – Attendenza u parteċipazzjoni f'laqgħat tal-Gvern Lokali u kontribuzzjoni għat-twettiq ta' l-għanijiet kif stabbilit.
Ir-rappreżentanti eletti għandhom jiddedikaw ħin u attenzjoni għax-xogħol tal-Gvern Lokali tagħhom kif ukoll jattendu għal-laqgħat kollha tal-Gvern Lokali. Jekk ir-rappreżentant elett ma jkunx jista' jattendi xi waħda minn dawn il-laqgħat għal raġuni ġustifikata, hu għandu javża lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aktar fis possibbli dwar l-inabilita' tiegħu li jattendi. Huma għandhom iwettqu d-dmirijiet tagħhom b'mod għaqli, imparzjali u b'kuxjenza mill-aħjar li jistgħu.

Artiklu 10 – Assoċjazzjoni
Ir-rappreżentanti eletti għandhom jevitaw il-periklu ta' assoċjazzjoni ma' organizzazzjonijiet li l-għanijiet tagħhom ikunu f'kunflitt ma' dawk ta' xi Gvern Lokali. Huma għandhom joqogħdu lura minn imġiba li tista' tagħmel ħsara lir-reputazzjoni u lill-fama tal-kariga jew ta' rappreżentanti eletti oħrajn, jew jagħmlu xi ħaġa jew jassoċjaw lilhom infushom ma' organizzazzjonijiet li jistgħu jimplikaw lilhom u lil Gvern Lokali tagħhom u/jew lokalità f'għajb.

Artiklu 11 – Kunflitt ta' interess
Meta rappreżentanti eletti jkollhom interess personali dirett jew indirett f'materji li jkunu qed jiġu eżaminati mill-Gvern Lokali li tiegħu huma membri, jew minn xi kumitati jew sotto-kumitati tiegħu, huma għandhom jobbligaw ruħhom li juru x'inhuma l-interessi tagħhom qabel ma jsiru d-diskussjonijiet u jittieħed il-vot.

Ir-rappreżentanti eletti ma għandhomx ikollhom interessi (minbarra sigurtajiet/kumpaniji pubbliċi) jew ikollhom xi kuntratt personali jew ftehim ma' min jissuplixxi jew kuntratturi tal-Gvern Lokali.

Meta jieħdu l-kariga, jew kull meta jkun meħtieġ, ir-rappreżentanti eletti għandhom jiddikjaraw bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Gvern Lokali, kull kariga ta' tmexxija, sħubija jew interess f'kull xogħol li fih ikunu ngaġġati sakemm dan l-ingaġġ ma jkunx relatat ma' kumpaniji pubbliċi jew kien nominat għall-kariga ta' tmexxija sabiex jirrappreżenta l-interessi tal-Gvern. Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mitluba mis-Segretarju Eżekuttiv kull sena u għandha tinżamm biss mis-Segretarju Eżekuttiv.

Ir-rappreżentanti eletti għandhom joqogħdu lura minn kull diskussjoni jew vot f'xi kwistjoni li fiha huma għandhom interess personali dirett jew indirett.

Artiklu 12 – Limitu fuq okkupazzjoni ta' żewġ karigi jew iżjed fl-istess waqt
Ir-rappreżentanti eletti ma għandhomx ikollhom karigi politiċi jew jieħdu sehem f'attivitajiet simili meta dawn itellfuhom mit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom bħala rappreżentanti eletti, jew ikunu inkompatibbli mal-ġurament tal-kariga tagħhom. Lanqas ma għandhom ikollhom dmirijiet, mandati magħżula, okkupazzjonijiet jew karigi uffiċċjali li jinvolvu superviżjoni tal-funzjonijiet tagħhom bħala rappreżentanti eletti jew dawk li huma fid-dmirijiethom li josservaw fil-kapaċità tagħhom bħala rappreżentanti eletti.

Ir-rappreżentanti eletti huma obbligati li jinfurmaw lill-Gvern Lokali jekk ikun fi ħsiebhom li jikkuntestaw l-Elezzjonijiet Ġenerali jew l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew hekk kif jiġu uffiċjalment aċċettati mill-Partit Politiku li għalih huma jkunu ser jikkuntestaw jew qabel ma

jissottomettu l-kandidatura tagħhom mall-Kummissjoni Elettorali jekk ikunu ser jikkuntestaw bħala kandidati independenti.

Artiklu 13 – Tħaddim ta' poteri diskrezzjonali
Fit-tħaddim tal-poteri diskrezzjonali tagħhom, ir-rappreżentanti eletti għandhom jibqgħu imparzjali f'kull waqt sabiex jiżguraw li pariri u rakkomandazzjonijiet ikunu bbażati fuq il-konsiderazzjoni sħiħa u imparzjali tal-fatti u ċ-ċirkostanzi relatati.

Għal kull deċiżjoni li tittieħed għandhom jingħataw raġunijiet dettaljati, li jispeċifikaw il-fatturi kollha li fuqhom tkun ittieħdet id-deċiżjoni, b'mod partikulari r-regoli rilevanti, u li juru kif id-deċiżjonijiet meħuda jaqblu ma' dawk ir-regoli. Qabel ma jieħu deċiżjoni ir-rappreżentant elett għandu jagħti kas tal-pariri dwar il-materja rilevanti mogħtija lill-Gvern Lokali mis-Segretarju Eżekuttiv.

Fin-nuqqas ta' regoli u obbligi, r-raġunijiet għad-deċiżjoni meħuda għandhom jinkludu elementi li juru l-proporzjonalità, is-sewwa u l-konformità ma' l-interess pubbliku.

Artiklu 14 – Korruzzjoni
Waqt il-qadi ta' dmirijiethom, ir-rappreżentanti eletti għandhom joqogħdu lura minn kull att li hu meqjus, taħt il-liġi kriminali Maltija jew internazzjonali, bħala korruzzjoni attiva jew passiva.

Barra minn hekk, ir-rappreżentanti eletti għandhom id-dmir li jirrifjutaw b'mod totali u immedjat kull attentat ta' din ix-xorta u li jagħmlu rapport bil-miktub mingħajr dewmien lis-Sindku dwar pressjoni u influwenza bla bżonn li jistgħu ikunu qed jiġu eżerċitati mill-persuni jew korpi, u s-Sindku huwa fid-dmir li jirrapporta lill-Gvern Lokali kif xieraq.

Ir-rappreżentanti eletti, n-nisa jew l-irġiel tagħhom jew it-tfal (inklużi dawk minuri) m'għandhomx jaċċettaw kummissjonijiet, għotjiet, rigali jew servizzi, kumpens minn persuni, kumpanniji u minn organizzazzjonijiet li jkollhom relazzjoni ta' xogħol mal-Gvern Lokali li tista' tiġi meqjusa li toħloq xi obbligazzjoni reali jew immaġinarja.

Artiklu 15 – Osservanza dwar dixxiplina finanzjarja u li tirrigwarda l-Istima ta' Nefqa
Ir-rappreżentanti eletti għandhom jintrabtu li josservaw id-dixxiplina li għandha x'taqsam ma' l-istima ta' nefqa u ma' finanzi oħra sabiex jiggarantixxu l-immaniġġar kif suppost tal-fondi pubbliċi kif stabbilit fil-liġi dwar il-Kunsilli Lokali u r-regolamenti oħra stabbiliti f'din l-istess liġi.

Fit-twettiq ta' l-obbligi tagħhom, ir-rappreżentanti eletti ma għandhom jagħmlu l-ebda ħaġa li twassal għal użu ħażin ta' fondi pubbliċi u/jew għotjiet. Huma m'għandhom jagħmlu xejn li jista' iwassal sabiex il-fondi pubbliċi u/jew għotjiet jiġu użati għall-ħtiġiet personali kemm dawk diretti kif ukoll indiretti.

Artiklu 16 – Użu ta' informazzjoni miksuba
Ir-rappreżentanti eletti m'għandhomx jieħdu vantaġġ, jew jibbenifikaw minn informazzjoni li tkun miksuba matul il-qadi tad-dmirijiet uffiċjali u responsabbilitajiet tagħhom u li l-pubbliku ma jkollux aċċess għaliha.

Huma għandhom jagħtu biss informazzjoni uffiċċjali jew dokumenti li jkunu miksuba matul iż-żmien tal-kariga tagħhom meta skond il-liġi dan ikun meħtieġ, fil-qadi ta' dmirijiethom, meta msejħa biex jixhdu fil-qorti, jew meta jkun hemm ordni xierqa f'dan ir-rigward.

Artiklu 17 – Aġir għan-nom tal-Gvern Lokali
Ir-rappreżentanti eletti għandhom iżommu lura milli jagħtu ordnijiet, struzzjonijiet jew direttivi għan-nom, jew b'rappreżentazzjoni tal-Gvern Lokali tagħhom sakemm ma jkunux awtorizzati li jagħmlu dan mill-Gvern Lokali tagħhom u dawn l-ordnijiet, istruzzjonijiet jew direttivi għandhom jinħarġu biss b'mod formali mis-Sindku (jew fin-nuqqas tiegħu mill-Viċi Sindku) jew mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Gvern Lokali ħlief għal ordnijiet ta' xogħol u/jew ordnijiet ta' kisba ta' servizzi li għandhom jinħarġu biss taħt l-awtorita' tas-Segretarju Eżekuttiv.

Artiklu 18 – Salvagwardar ta' ċertu karigi
Fil-qadi ta' dmirijiethom, ir-rappreżentanti eletti m'għandhomx jieħdu miżuri li jippermettulhom li jkollhom vantaġġ personali fil-futur meta jabbandunaw il-kariga tagħhom:-

- f'entitajiet privati li fuqhom kienu jeżerċitaw spezzjoni waqt il-qadi ta'dmirijiethom
- f'entitajiet privati li magħhom ikunu stabilixxew relazzjoni kuntrattwali waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

Mezz ta' Superviżjoni

Artiklu 19 – Użu ta' faċilitajiet u għodda tal-Gvern Lokali
Ir-rappreżentanti eletti għandhom jaraw li l-użu ta' kull riżors jew għodda tal-Gvern Lokali ikunu wżati b'mod kuxjenzuż u bil-għaqal u għaldaqstant ma għandhomx jippermettu li dawn jiġu abbużati minn oħrajn.

Ir-rappreżentanti eletti m'għandhomx jużaw b'mod dirett jew indirett, jew jippermettu l-użu ta' kull proprjetà tal-gvern lokali jew uffiċċji amministrattivi għal attivitajiet politiċi jew kull attivita' li mhiex approvata minn, jew li tkun f'kunflitt ma' l-interessi tal-Gvern Lokali. Barra minn hekk huma għandhom jaraw li l-fondi tal-Gvern Lokali u/jew riżorsi oħra ma jkunux użati għal għanijiet partiġjani.

Artiklu 20 – Xiri
Ir-rappreżentanti eletti għandhom jiżguraw li fit-tfassil ta' proċeduri ta' offerti u fl-ippjanar ta' speċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet ta' xiri kif ukoll fl-aġġudikar ta' offerti l-Gvern Lokali għandu jikseb l-aħjar offerta bl-iktar valur għall-flus, peress li l-ispejjeż tal-Gvern Lokali ser jittieħdu mill-fondi pubbliċi u ser jintnefqu u jiġu awtorizzati biss b'tali manjiera u proċedura li hija permessa mil-liġi u regolamenti oħra.

Ir-rappreżentanti eletti għandhom jaraw li l-ogħla livell ta' responsabbiltà u trasparenza possibli jkun rifless f'kull proċess li fih jiġi deċiż ix-xiri.

Relazzjonijiet ma' Rappreżentanti Eletti oħra, Staff tal-Gvern Lokali, Pubbliku u Entitajiet oħra

Artiklu 21 – Ippublikar u għoti ta' raġunijiet għad-deċiżjonijiet meħuda
Matul il-mandat tagħhom ir-rappreżentanti eletti għandhom jimxu b'mod responsabbli mal-pubbliku.

Ir-rappreżentanti eletti għandhom jagħtu raġunijiet dettaljati għal kull deċiżjoni li tittieħed minnhom, jispeċifikaw il-fatturi kollha li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni, b'mod partikulari r-regoli rilevanti, u juru kif id-deċiżjoni meħuda taqbel ma dawk ir-regoli u regolamenti.

Meta l-informazzjoni tkun kunfidenzjali, ir-raġunijiet li jwasslu għal dik il-kunfidenzjalita' għandhom jiġu spjegati.

Ir-rappreżentanti eletti għandhom iwiegbu bl-attenzjoni għal kull talba mill-pubbliku li għandha x'taqsam mat-twettiq ta' dmirijiethom, u jagħtu r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet li jieħdu.

Huma għandhom iħeġġu u jinkoraġġixxu kull miżura li twassal għal trasparenza dwar l-awtorita' tagħhom, it-tħaddim ta' l-awtorita' tagħhom u t-twettiq tas-servizzi mogħtija mill-Gvern Lokali tagħhom.

Artiklu 22 – Ħatriet
Ir-rappreżentanti eletti għandhom jobbligaw ruħhom li ma jħallux kull ħatra ta' staff amministrattiv li jkun ibbażat fuq prinċipji li ma jinkludux l-għarfien ta' mertu u l-kapaċitajiet professjonali u/jew għanijiet li m'humiex il-ħtiġijiet tal-Gvern Lokali.

F'każijiet ta' ħatra ta' impjegati jew promozzjonijiet, ir-rappreżentanti eletti għandhom jieħdu deċiżjoni oġġettiva u raġunata, li turi attenzjoni.

Ir-rappreżentanti eletti m'għandhom jitolbu għall-ebda persuna xi kariga fil-Gvern Lokali tagħhom jew jagħmlu rakkomandazzjoni ta' persuna għat-tali ħatra jew promozzjoni.

Artiklu 23 - Rispett lejn il-kariga ta' l-istaff tal-Gvern Lokali
Fit-twettiq tal-karigi tagħhom, ir-rappreżentanti eletti għandhom juru rispett għall-kariga ta' l-istaff tal-Gvern Lokali, mingħajr preġudizzju għat-twettiq leġittimu ta' l-awtorità ġerarkija tagħhom.

Huma ma għandhomx jistaqsu jew jitolbu lill-istaff tal-Gvern Lokali biex jieħdu jew iħallu barra miżuri tali li jagħtu lilhom infushom vantaġġ dirett jew indirett jew xi vantaġġ ieħor lil xi individwi jew gruppi ta' individwi bl-għan li jakkwistaw xi benefiċċju personali għalihom minn dan is-sors b'mod dirett jew indirett.

Ir-rappreżentanti eletti m'għandhomx jagħmlu allegazjonijiet li mhux xierqa u derogatorji (sakemm ma jkollhomx prova biżżejjed ta' dan) u għandhom iżommu lura minn kull forma ta' mġiba, li tista' tikkawża lil xi membru ta' l-istaff offiżi jew konfondiment bla bżonn.

Artiklu 24 – Rispett lejn il-kollegi tagħhom, l-istaff u l-pubbliku
Ir-rappreżentanti eletti m'għandhomx idejjqu jew jiddiskriminaw abbażi ta' sess, status taż-żwieġ, tqala, età, razza, lewn, nazzjonalità, diżabilità fiżika jew mentali, preferenza sesswali

jew konvinzjonijiet reliġjużi, politiċi u oħrajn jew allejanzi fejn jidħlu relazzjonijiet mal-kollegi tagħhom, l-istaff tal-Gvern Lokali jew membri tal-pubbliku.

Ir-rappreżenanti eletti għandhom ikollhom x'jaqsmu mal-pubbliku b'mod ġust, imparzjali u b'mod mhux partiġġjan.

Barra minn hekk huma għandhom jirrispettaw l-opinjoni tal-kollegi tagħhom u fir-relazzjonijiet tagħhom għandhom iżommu l-ogħla livelli ta' rispett. Matul laqgħat tal-Gvern Lokali huma għandhom jużaw lingwaġġ xieraq u jaddottaw attitudini kostruttiva u rikonċiljatorja waqt diskussjonijiet filwaqt li jibqgħu fidili lejn id-disposizzjonijiet ta' l-Ordni tax-Xogħol.

Artiklu 25 – Relazzjonijiet ma' entitajiet kostitwiti u Membri tal-Parlament
Ir-rappreżentanti eletti għandhom iżommu relazzjonijiet kordjali ma' l-entitajiet kostitwiti kollha fil-lokal tagħhom.

Huma għandhom jikkollaboraw mall-Membri tal-Parlament u jirrispettaw ix-xogħol ta' xulxin.

Dmirijiet tas-Sindku

Artiklu 26 – Is-Sindki għandhom jassumu r-responsabbiltà ta' għemilhom u tal-Gvern Lokali
Is-Sindki għandhom jagħtu eżempju fil-qadi tad-dmirijiet u r-responsabbilitajiet tagħhom u għandhom jevitaw kull azzjoni jew sitwazzjoni li tkun inkonsistenti mad-dmirijiet tagħhom. Huma għandhom jaġixxu skond il-politika u r-riżoluzzjonijiet approvati mill-Gvern Lokali tagħhom u huma mistennija jassumu r-responsabbiltà ta' l-azzjonijiet tal-Gvern Lokali.

Relazzjonijiet mal-*Media*

Artiklu 27 – Relazzjonijiet mal-media
Ir-rappreżentanti eletti għandhom jaġixxu b'mod għaqli, onest u b'mod komplut ma' kull talba mill-*media* għal informazzjoni li tikkonċerna l-għemil ta' dmirijiethom iżda ma għandhomx jagħtu informazzjoni kunfidenzjali jew informazzjoni li tirrigwarda l-ħajja privata tar-rappreżentanti eletti jew persuni oħra.

Huma għandhom jinkuraġġixxu u jmexxu 'l quddiem kull miżura li tinkoraġġixxi lill-*media* biex tagħti informazzjoni fuq il-poteri tagħhom, it-twettiq ta' dmirijiethom u s-servizzi mogħtija mill-Gvern Lokali li tiegħu huma membri.

Informazzjoni, Tqassim ta' Informazzjoni u Żieda fl-Għarfien

Artiklu 28 – Tqassim tal-kodici lir-rappreżentanti eletti
Ir-rappreżentanti eletti għandhom jiżguraw li huma qraw u fehmu d-disposizzjonijiet kollha ta' dan il-kodiċi u għandhom jiddikjaraw li huma lesti li jkunu ggwidati mid-disposizzjonijiet tal-kodici.

Artiklu 29 – Tqassim tal-kodiċi lill-pubbliku, staff tal-Gvern Lokali u l-media
Ir-rappreżentanti eletti għandhom jinkuraġġixxu u jippromwovu kull miżura li tadotta t-tqassim ta' dan il-kodiċi lill-istaff tal-Gvern Lokali, il-pubbliku u l-*media*, u li żżid l-għarfien ta' dawk il-persuni dwar il-prinċipji inklużi fih.".